# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 522/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Carlos Cordina)

(Spettur Sandro Millo)

vs

**Brian Pace**

iben Saviour, imwieled Pieta', fis-7 ta' Awwissu, 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 377378(M)

Illum, 21 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Brian Pace quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli f`dawn il-Gzejjer, fl 10 ta' Novembru, 2013, minn gewwa residenza numru 198, Flat 4A,Triq It- Torri, Sliema, ikkommetta serq ta' diversi gojjeli ta' deheb u cioe' hames (5)

arloggi tal- marka 'Rolex' tal-valur mhux maghruf, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Maria Rita Jaccarini ta' 81sena u detentrici ta' karta ta' Identita: 0420232(M) u/jew ta' persuni ohra;

2. Talli laqa' ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

3. Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi ha f'idejk funzjoni pubblika u cioe' ufficjal tal-Pulizija ta' Malta, minghajr ma kellek jedd ghaliha, u ezercita att ta' dik il-funzjoni, ai termini ta' l-artikolu 84 tal-Kodiċi Kriminali;

4. Talli arresta,zamm u/jew issekwestra lil Maria Rita Jaccarini kontra l-volonta' taghha ai termini ta' l-artikolu 87 tal-Kodiċi Kriminali.

Talli kiser diversi kondizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta minn diversi Magistrati f'dan li ma jikkommettix delitti ohra, fost kondizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi *Brian Pace* u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-sommom ta' flus bhala depositu u bhala garanzija/i personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Talli rrenda ruhu recediv b`diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a), (b), (c) u (e), 262, 263, 267, 269, 275, 276A, 277, 84, 86, 87, 579(2) u (3), 49, 50, 289, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala 1, 3 u 4 kif ukoll talli kiser diversi kondizzjonijiet tal-liberta' provisorja mposti fuqu minn dawn il-Qrati u talli rrenda ruhu recidiv u ikkundannatu ghal piena ta' sitt(6) snin prigunerija. Stante li t-tieni (2) mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni. Il-Qorti inoltre rrevokat l-helsien mill-arrest moghti lill-imputat permezz ta' digrieti ta' din il-Qorti tas-16 ta' Awwissu, 2007, tat-2 ta' Marzu, 2011 u tat-23 ta' Ottubru, 2012 u ordnat ir-riarrest mill-gdid tieghu.

Wara li rat l-artikoli 392A(2) u 401(3) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ordnat li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma kopja tas-sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Brian Pace pprezentat fid-29 ta' Novembru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fejn in forza ta' l-istess sabet lill-imputat hati ta' l-akkuzi kontra tieghu u tirrevokaha u thassar fejn permezz ta' l-istess kien gie kundannat ghal sitt snin prigunerija u minflok timponi piena iktar *idonea* u *ekwa* ghall-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-ewwel u qabel kollox, stante li kien hemm ammissjoni, dan l-appell hu limitat fir-rigward il-piena.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jigi osservat li l-piena hi eccessiva fil-kwadru generali tal-kaz u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tirrikonsidera l-pozizzjoni fir-rigward tal-piena.

3. Illi bhal gustifikazzjoni, jirrizulta mill-atti tal-kaz li l-imputat mhux biss ammetta fl-istadju bikri tal-kaz imma kkopera bi shih anki mal-awtoritajiet kompetenti. Illi din il-pozizzjoni anke giet verbalment konfermata mill-istess Spettur Carlos Cordina!

4. Illi *di piu'*, hemm indikat fl-atti li l-istess imputat accetta li jkompli jikkopera mal-awtoritajiet u dan peress li jidher li l-mohh wara dan l-incident ma kienx l-imputat imma terza persuna. Illi f'dan ir-rigward, l-imputat kien gie uzat u sfruttat stante s-sitwazzjoni pjetuza tieghu. Illi ghalhekk, dawn is-sitwazzjonijiet kellhom jittiehdu inkonsiderazzjoni ghall-finijiet tal-akkuza.

5. Illi wiehed ghandu jzid ukoll li l-allegazzjoni li kien hemm fir-rigward 'Rolex' watch b'valur allegatament ta' €80,000, fir-realta ma kienitx vera. Illi anki l-abbli prosekutur kellu d-dubbji tieghu f'dan ir-rigward, ghalkemm iddikjarah fl-awla. Illi dan hu punt important li l-ewwel Qorti ma tantx taghtu piz.

6. Illi aspett li din il-qorti qed tigi mitluba tikkonsidera hu l-fatt li skont l-istess imputat, hu ma kienx l-mohh wara dan l-akkadut. Illi ghalhekk, l-istess imputat, li hassu ittradut u uzat qed jikkopera f'dan ir-rigward biex b'hekk jidher li sta ghall-pulizija jaraw x'se jaghmlu f'dan ir-rigward.

7. Illi s-suespost punti m'ghandhomx jigu kunsidrati bhala ezawrenti u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell hu limitat fuq il-piena biss.

Illi ghandu jinghat li meta sar id-delitt l-appellant kien dipendenti fuq id-droga.  Hu kien inghata l-ghajnuna tal-kaz izda hu rrifjuta din l-ghajnuna u baqa' jippersisti f'dan il-vizzju.  Gara li xi zmien wara hu kien ghamel talba lil din il-Qorti sabiex jinghata l-helsien mill-arrest biex ikun jista' jibda programm ghar-riabilitazzjoni tieghu.  Fil-fatt dan il-programm bdieh u llum din il-Qorti setghet tara li ghandha persuna kompletament differenti quddiemha.

Illi ma dan kollu din il-Qorti ma tistax ma tinnotazx li dan hu kaz li jimmerita l-prigunerija effettiva.

Illi billi l-appellant ghamlu l-almu tieghu biex jeghleb il-vizzju tad-droga din il-Qorti ser tirrevedi l-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal din ir-raguni din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Brian Pace.  Tikkonferma s-sentenza fil-meritu.  Thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' sitt snin prigunerija u minflok tikkundanna lil Brian Pace ghal piena ta' tlett snin prigunerija.  Fic-cirkostanzi mhemmx lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti f'dawn il-proceduri.